# QORTI   TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 5**

**Rikors numru 867/16 LSO**

**Josephine sive Joyce Dimech**

**v.**

**Pasqualino sive Lino Chircop**

**Il-Qorti:**

1. B'sentenza tas-27 ta' Ġunju 2019 l-ewwel Qorti laqghet il-kontro-talba tal-konvenut li biha talab dikjarazzjoni li t-testment ta' Victor Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 hu null għaliex nieqes minn ħtiġijiet essenzjali. Il-konvenut ippremetta li t-testment ma kienx ġie pubblikat fil-presenza ta' żewġ xhieda.  Fir-rikonvenzjoni ma

semmiex x'inhuma l-ħtiġijiet l-oħra li minnhom kien nieqes it-testment. L-ewwel Qorti iddeċidiet:-

> *"Għal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tal-intimat, u in segwitu tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-attriċi għall-istess kontro-talba.*
>
> *"III.* ***Konklużjoni:***
>
> *"Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti* ***taqta'*** *u* ***tiddeciedi*** *billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata ghall-Kontro-Talba ghar-ragunijiet spjegati,* ***tilqa' t-talba*** *tal-intimat rikonvenzjonant u tiddikjara u tiddeciedi li t-testment ta' Victor Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa nieqes minn htigijiet essenzjali mehtiega ghall-validita' tieghu, u konsegwentement null u ma jiswiex.*
>
> *"Tordna li ssir komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir l-investigazzjoni mehtiega kontra l- attrici Josephine sive Joyce Dimech u kontra l-ex Nutar Pierre Falzon ghall-falsifikazzjoni ta' testment pubbliku u cioe` tat-testment ta' Victor Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015.*
>
> ***"L-ispejjez jithallsu mill-attrici".***

2. L-attriċi kkontestat ir-rikonvenzjoni u argumentat fost affarijiet oħra li:-

   i. Il-konvenut m'għandux interess ġuridiku minħabba t-tieni eċċezzjoni li ta b'referenza għar-rikors ġuramentat li ppreżentat l-attriċi.

   ii. Fil-meritu ikkontestat it-talba tar-rikonvenzjoni.

3. L-attriċi appellat mis-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2018 bl-aggravji jkunu:-

i. Il-konvenut m'għandux interess ġuridiku jipproponi r-rikonvenzjoni għaliex għadu ma ddeċidiex jekk jaċċettax il-wirt ta' ommhom.

ii. Mill-provi kien irriżulta li għat-testment ta' Victor Chircop kienu preżenti żewġ xhieda. Dak hu l-element essenzjali u mhux jekk id-dettalji ta' dawk iż-żewġ xhieda humiex korretti.

4. Il-konvenut ippreżenta tweġiba u fiha ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**Fatti.**

5. Il-partijiet huma aħwa wlied Victor u Cetta Chircop li mietet fit-13 ta' Novembru 2015. Mir-riċerki rriżulta li kienet għamlet testmenti *unica charta* fit-12 ta' Mejju 1999 (atti Nutar Mary Grech) u ieħor fit-13 ta' Frar 2015 (atti Nutar Pierre Falzon). L-attriċi ppreżentat kawża sabiex jinqasam il-wirt ta' Victor Chircop. Fit-tweġiba l-konvenut iddikjara li l-kawża kienet intempestiva peress li kien għadu ma ddeċidiex jekk jaċċettax il-wirt ta' missieru. Għażla li kien ser jagħmel wara li tkun deċiża t-talba tar-rikonvenzjoni.

6. Fl-ewwel testment tat-12 ta' Mejju 1999, id-decujus innominat lill-konvenut bħala werriet u ordna d-diżeredazzjoni tal-attriċi. Dak it-testment kien *unica charta* li għamel flimkien ma' martu. Fit-tieni testment tat-13 ta' Frar 2015, li wkoll kien *unica charta,* innomina lill-partijiet bħala werrieta tiegħu.

7. L-ewwel Qorti ikkonkludiet li x-xhieda tat-tieni testment kienu foloz.

**Konsiderazzjoni.**

**L-ewwel aggravju.**

8. Il-parti rilevanti tas-sentenza taqra:

> *"Illi gie eccepit preliminarjament li l-azzjoni rikonvenzjonali ta' Pasqualino Chircop hija intempestiva stante li m'ghandux l-interess guridiku necessarju biex jippromwovi tali azzjoni fid-dawl tat-tieni eccezzjoni fir-risposta tieghu ghar-rikors odjern, fejn sostna li ghad irid jiddeciedi jekk jaccettax jew jirrinunzjax ghall-wirt ta' ommu, wara li din il-Qorti tiddeciedi dwar it-talba rikonvenzjonali.*
>
> *"Qabel xejn il-qorti tirreferi ghall-***artikolu 860 tal-Kodici Civili** *skont liema r-rinunzja għall-wirt ma tistax tkun preżunta u tista' ssir biss b'dikjarazzjoni ppreżentata fir- reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il- mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku. Huwa pacifiku la ma saritx rinunzja formali mill-konvenut rikonvenzjonanti.*
>
> *"Illi skont l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghat-talba principali, huwa ghadu qed jiddelibera jekk ghandux jaccetta l-wirt jew le. Fil-kaz odjern, it-talba rikonvenzjonali timmira ghall-impunjazzjoni tal-validita' tat-tielet testment - prekondizzjoni essenzjali sabiex il-konvenut jiehu posizzjoni dwar l-eredita' in kwistjoni.*

*"Kif inhu ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, m'humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni li tista' tkun pre-ordinata ghal domanda ohra definittiva jew finali, purke' ir-rimedju konsegwenzjali huwa ottenibbli mill-Qorti.*

*"Illi kif gie ribadit fil-kaz fl-ismijiet* ***Charles Axiak noe vs Onorevoli Dr. Fortunato Mizzi noe et*** *deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 1952 (Vol. XXXVI.ii.532):*

*"L-interess f'min jaghmel kawza m'hemmx bzonn li jkun patrimonjali, imma jista' jkun anki morali u astratt, purche' jkun ta' natura guridika, jigifieri li jkun jikkorrispondi ghal lezjoni ta' dritt, u ghalhekk, hu bizzejjed, biex jirradika dak l- interess, anki semplici dritt onorifiku. Lanqas m'hu mehtieg li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt veru u propju, imma hu bizzejjed li l-ezistenza tad-dritt tkun minaccjata".*

*"Illi fil-kaz odjern, id-dritt li qed jafferma il-konvenut rikonvenzjonant huwa d-dritt successorju tieghu naxxenti minn testment li hu jsostni li huwa null. Certament ghandu interess giuridiku biex jaghmel din it-talba, billi il-jeddijiet tieghu huma necessarjament preordinati fuq dikjarazzjoni gudizzjarja dwar il-validita' tat-testment imsemmi.*

*"Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, it-tieni eccezzjoni ghall- kontro-talba qed tigi michuda".*

9. L-attriċi ssostni li l-konvenut m'għandux interess ġuridiku fir-rikonvenzjoni għaliex fl-eċċezzjonijiet qal li għad irid jiddeċiedi jaċċettax il-wirt tal-ġenituri tiegħu. Ir-rikonvenzjoni tista' biss tkun proposta jekk il-konvenut għandu dritt suċċessorju, u dak jeżisti jekk hu werriet. Sat-tmiem tal-kawża għadu ma ddikjarax jekk huwiex jaċċetta l-wirt tal-ġenituri tiegħu.

10. L-attriċi għamlet referenza għas-sentenza **Mary Ellul v. Joseph Coleiro** tas-6 ta' April 1959. Id-difensur tagħha reġa' għamel referenza għaliha waqt it-trattazzjoni u ppreżenta wkoll nota ta' referenzi. Pero` f'dik il-kawża l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex tillikwida l-wirt. Fil-kawża tal-lum il-

konvenut ma talabx li ssir il-likwidazzjoni tal-wirt ta' Victor Chircop. F'dik is-sentenza, din il-Qorti qalet:

> *"Hu prinċipju ormai paċifiku fil-ġurisprudenza nostrali illi, biex il-likwidazzjoni ta' wirt tista' tintalab bħala pre-ordinata għad-diviżjoni jeħtieġ li l-attur ikun werriet, jew għall-anqas leġittimarju; u li għalhekk, min ikun għad ma ddeliberax li jaċċetta l-eredita, jew li ma jaċċettahiex u minflok jieħu l-leġittima, ma jistax jippromwovi kawża għal-likwidazzjoni tal-wirt. Għax hu ma jista' jiġi kunsidrat la bħala werriet u lanqas bħala leġittimarju".*

11. Il-konvenut argumenta:-

> *"28. Kif diġa' intqal, l-appellanti ibbażat il-pretensjonijiet tagħha fuq it-testment tat-13 ta' Frar 2015 filwaqt li l-esponent għandu interess li jitlob id-dikjarazzjoni tan-nullita' ta' dan it-testment biex iġib fix-xejn l-azzjoni attriċi u konsegwentement jimpedixxi l-effetti tagħha. Kienet l-attriċi stess li għażlet lill-epsonent bħala leġittimu kontradittur fl-azzjoni proposta minnha, u għalhekk ma tistax issa tippretendi li huwa ma jużax il-mezzi li ttih il-liġi biex jiddefendi ruħu billi jattakka legalment, biex iġib fix-xejn, il-jedd li hija tippretendi li għandha".*

12. Fil-każ tal-lum fl-ewwel testment il-konvenut kien nominat bħala werriet uniku ta' missieru, filwaqt li fit-tieni testment hu ko-werriet flimkien mal-attriċi. Minħabba t-tieni testment, li hu l-meritu tar-rikonvenzjoni, il-konvenut għadu ma ddeċidiex jekk jaċċettax il-wirt ta' missieru. Il-konvenut qieghed isostni li t-tieni testment li għamlet ommhom flimkien ma' missierhom, hu null għaliex ma kienx hemm żewġ xhieda preżenti. Bħala persuna li għandha interess fil-wirt ta' missieru, il-konvenut għandu jedd jikkontesta dak it-testment sabiex skont l-eżitu tar-rikonvenzjoni jiddeċiedi jaċċettax il-wirt ta' missieru. Jekk joħroġ rebbieħ fir-rikonvenzjoni, ikun ifisser li l-konvenut hu l-uniku werriet ta' missieru. Hu

biss skont l-eżitu tar-rikonvenzjoni li l-konvenut ser ikun f'posizzjoni jiddeċiedi għandux jaċċetta jew jirrinunzja għall-wirt ta' missieru.

13. Għalhekk l-ewwel aggravju hu miċħud.

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

14. Skond l-artikolu 655 tal-Kodiċi Ċivili, testment pubbliku għandu jirċevih u jippubblikah nutar quddiem żewġ xhieda. Ix-xhieda jkollhom jiffirmaw. In-nuqqas ta' tħaris ta' dawn il-ħtiġijiet iwassal għan-nullita` tat-testment (artikolu 672 tal-Kodiċi Ċivili).

15. L-Att dwar il-Professjoni Notarili u Arkivji Notarili (Kap. 55) jipprovdi f'artikolu 25(3)(c) li testment pubbliku jeħtieġ ż-żewġ xhieda, u l-att ikun null jekk il-ħtiġijiet tal-artikolu 25(3) ma jkunux imħarsa (artikolu 40(1)(e) tal-Kap. 55).

16. Skont l-artikolu 26 tal-Kap. 55:-

> *"In-nutar għandu personalment jiżgura ruħu mill-identità tal-komparenti, tal-fidem facientes, tax-xhieda u l-interpreti. Din l-identità għandha tiġi żgurata bil-produzzjoni tal-karta tal-identità uffiċjali, tal-passaport jew ta' xi dokument uffiċjali ieħor u, meta dokument bħal dan ma jistax jiġi prodott minn xi wieħed mill-komparenti, bix-xhieda ta' żewġ fidem facientes, u dawn jistgħu wkoll ikunu x-xhieda tal-att".*

17. Skont l-artikolu 28(1)(c)(iii) u 28(1)(d) tal-Kap. 55, fuq l-att għandu jitniżżel il-post, data tat-twelid, post ta' residenza u numru tal-karta tal-

identita tax-xhieda. Ovvjament dan għal finijiet ta’ identifikazzjoni tal-persuna.

18. Fit-testment oġġett ta’ rikonvenzjoni, jingħad li t-testment kien magħmul, moqri u ppubblikat quddiem:-

*“ix-xhieda Saviour Azzopardi, impjegat, bin Mario u Rose nee Galea imwieled Sliema fit-tnax ta’ Awwissu elf disa’ mija tlieta u ħamsin u residenti Mosta b’karta ta’ identita 147653M) u Joseph Muscat, impjegat, bin Mario u Phyllis nee Borg imwieled Pieta fit-tnejn u għoxrin ta’ Marzu elf disa’ mija tlieta u sebgħin u residenti tlettax Triq Ħarifa, Qortmi b’karta tal-identita numru 342473M”.*

19. F’dan ir-rigward l-ewwel Qorti qalet:-

*“Illi xehed **Victor Bonnici** li qal li l-Karta tal-Identita` tieghu huwa numru 939447 M hu huwa registrat fuq l-indirizz 13, Triq Harufa* (*recte*, Ħarifa), *Qormi. Qal li ilu jabita f'dak l-indirizz xi 48 sena. Ma kienx jaf lil Joseph Muscat u lanqas qatt ma kien xhud fuq testment f'Tas-Sliema. Dan l-indirizz gie wkoll ikkonfermat minn martu Antoinette Bonnici.*

*“Xehed ukoll **Silvan Pace** li proprju ghandu l-karta tal- Identita` bin-numru ccitata fit-testment li tappartjeni allegatament lix-xhud tat-testment Joseph Muscat. Silvan Pace wera l-karta tal-Identita` tieghu lill-Qorti li kkonstatat li n-numru huwa 342473M. L-indirizz tieghu huwa 13, Omega Court, Flat 2, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar. Dan ix-xhud qal li qatt ma mar Tas-Sliema biex jaghmilha xhud ta' testment. Lanqas jaf lin-Nutar Pierre Falzon.*

*“L-attrici pproduciet iz-zewg persuni Joseph Muscat u Francis Azzopardi biex jixhdu. Madnakollu z-zewg xhieda kkonfermaw bil-gurament taghhom, li ma kinux prezenti bhala xhieda ghat-testment Dok KG1 li sar fir-residenza tad- defunti konjugi Chircop f’Tas-Sliema. Meta muri l-firma tieghu Joseph Muscat ikkonferma li dik mhijiex il-firma tieghu. Huwa wera l-karta tal-identita` tieghu fejn hemm il- firma tieghu, liema firma ma taqbilx ma’ dik indikata fit- testment. Dok KG1. Francis Azzopardi wkoll, xehed li qatt ma kien prezenti ghal dan it-testment, ghalkemm kien prezenti bhala xhud ghal testmenti ohra precedentement. Inoltre, Francis Azzopardi wkoll, ma kkonfermax il-veracita` tal-firma tieghu kif indikata fit-testment in kwistjoni. Inoltre`, rigward, Azzopardi, fl-istralc tal-istess testment esebit mar- rikors promotur, hemm indikat S. Azzopardi mhux*

*F. Azzopardi. Di piu`, m'hemmx qbil bejn il-persuni indikati bhala xhieda u l-indirizzi u n-numru tal-karta tal-identita` taghhom.*

*"Ghaldaqstant, jirrizulta inekwivokalment li ghal dak li jirrigwarda x-xhieda fuq it-testment datat 13 ta' Frar 2015, kien hemm fabrikazzjoni tad-dettalji u tal-firem tax-xhieda indikati li mhumiex veritieri u ma jirreferux ghall-persuni identifikabbli. Dan stante li r-residenza dikjarata ta' xhud hija okkupata minn persuna ghal kollox estranea ghat-testment, min-naha wahda, u n-numru tal-karta tal-identita` dikjarata ghax-xhud l-iehor jirreferi ghall-persuna totalment differenti. Effettivament ix-xhieda dikjarati fit-testment ma jistghux jigu identifikati bil-mezzi ta' identifikazzjoni ufficjali, senjatament, il-karta tal-Identita`billi din tappartjeni lil haddiehor. Tant li anke t-tentattiv tar-rikorrenti meta ressqet liz-zewg xhieda bl-ismijiet Joseph Muscat u Francis Azzopardi, falla billi dawn lanqas ikkonfermaw il-firem taghhom u sahansitra cahdu li qatt attendew fuq testment ippubblikat f'Tas-Sliema.*

*"Mhux biss imma* ***Joseph Rivans*** *in rapprezentanza ta' Identity Malta, xehed li n-numru tal-Karta tal-Identita` numru 147653M, (indikata fit-testment bhala appartenenti lix-xhud Saviour Azzopardi) jirreferi ghall-Bugeja Pawla u li Karta tal- Identita` b'dak in-numru ma tezistix.*

*"Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi inkonfutabbli, ix-xhieda tan- Nutar Pierre Falzon ma tistax titqies verosimili, meta sostna li ltaqa' ma' zewg haddiema barra d-dar tar-residenza tat- testaturi, hallihom barra jistennew sakemm sejhilhom waqt il-qari tat-testment bhala xhieda.*

*"L-argument tal-avukat difensur tal-attrici fit-trattazzjoni, li l- ligi tirrikjedi biss zewg xhieda u mhux id-dettalji taghhom, huwa fallaci u ma jregix. Illi r-raguni tar-rekwizit u l-htiega tax-xhieda f'testmenti pubblici, hija bbazata u ppernjata primarjament fuq il-kredibilta` u l-fiducja li ghandha tinghata lill-dokument pubbliku. Altrimenti r-rekwizit tal-prezenza ad validitatem ta' zewg xhieda jingieb fix-xejn f'kaz bhal dan odjern billi altrimenti l-prezenza ta' xhieda tista' tigi fabbrikata.*

*"Huwa proprju ghalhekk, li n-Nutar ghandu d-dmir jivverifika l-identita` tax-xhieda mal-Karta tal-Identita` taghhom, sabiex jaccerta ruhu mill-veracita` tal-identita` taghhom. Difatti, fix- xhieda tieghu, n-Nutar Pierre Falzon, sostna li hu ma rax il- Karta tal-Identita` tax-xhieda, u nizzel id-dettalji li qalulu verbalment. Dan ikompli jixhet dubbji serji dwar il-veracita` kollha ta' dak indikat ghar-rigward tax-xhieda f'dan it- testment. Ghalkemm, Josephine Dimech sostniet fix-xhieda taghha li rat zewgt irgiel, meta hija fethet il-bieb tar- residenza tal-genituri taghha, u ppruvat tipproduci xhieda, dan ma jinsabx korroborat bil-provi prodotti.*

*"Anzi, din il-Qorti hija tal-fehma li x-xhieda gew kompletament falsifikati. Kull ma hemm biex jikkorrobora t-tezi tal-attrici li kien hemm xhieda presenti hija x-xhieda viva voce tan-Nutar Falzon, illum sfiducjat u li m'ghandux izjed il-warrant ta' Nutar, u l-kelma taghha. It-testaturi mhumiex hajjin biex jizmentixxu jew jikkorroboraw, jekk jistghu, il-*

> *verzjoni taghha. Fic-cirkostanzi, dan il-kaz jirraprezenta prima facie, kaz ta' fabbrikazzjoni ta' dokument pubbliku li ghandu jigi investigat mill-awtoritajiet ikkoncernati.*
>
> *"Illi stante li ma jirrizultax li kien hemm xhieda identifikabbli kif rikjest fid-disposizzjonijiet tal-ligi fuq citati, dan it-testment huwa karpit b'difetti radikali u kwindi huwa null.*
>
> *"Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess fit-trattazzjoni, mill-avukat tal-attrici* (*recte* tal-konvenut)*, li ladarba jirrizulta li hemm element essenzjali nieqes ghall-validita` ta' dan it-testment, dan jimmina l-fiducja pubblika, li hija tant importanti fil-professjonali nutarili, specjalment meta hawnhekk si tratta ta' testment, fejn it-testaturi m'ghadhomx hajjin biex jikkonfermaw jew jiddibattu dak li tnizzel fit-testment"*.

20. Iż-żewġ persuni li suppost kienu x-xhieda fuq it-testment, ma ġewx identifikati. L-attriċi tippretendi li l-ewwel Qorti kellha tistrieħ fuq dak li xehed in-Nutar Falzon u fuq dak li xehdet hi, li kien hemm żewġ xhieda preżenti. Pero` dak m'huwiex biżżejjed. Ix-xhieda kellhom ikunu identifikati min huma. F'dan ir-rigward:-

i. Xehdet Antoinette Bonnici li kkonfermat li hi mart Victor Bonnici u jgħixu fil-fond 13, Vicant, Triq il-Ħarifa, Qormi. Indirizz li jissemma fit-testment oġġett tar-rikonvenzjoni bħala l-fond fejn igħix ix-xhud Joseph Muscat li jissemma fl-istess testment. Ix-xhud qalet li f'dak l-indirizz qatt m'għex Joseph Muscat. L-istess xehed Victor Bonnici, u żied li kien ilu jgħix f'dak il-fond għal dawk l-aħħar 48 sena u li bena l-fond hu. Ikkonferma wkoll li qatt ma kien xhud fuq testment pubblikat tas-Sliema.

ii. Xehed Joseph Rivans minn Identity Malta (fol. 101) li ddikjara li l-persuna li għandha l-karta tal-identita` 147653M hi ċertu Paola Bugeja. Dak in-numru tal-karta tal-identita` jidher fit-testment in kwistjoni bħala n-numru tal-ID tax-xhud Saviour Azzopardi.

iii. Xehed Joseph Muscat (seduta tad-19 ta' Frar 2019), li tressaq bħala xhud mill-attriċi. Dan ikkonferma li qatt ma kien preżenti għat-testment oġġett tar-rikonvenzjoni. Inoltre, id-dettalji fit-testment għal dak li jikkonċerna r-residenza u karta tal-identita`, m'humiex tiegħu. Hekk ukoll ikkonferma li m'hemmx il-firma tiegħu fuq it-testment (fol. 70). Fil-fatt il-firma fuq il-karta tal-identita` u liċenzja tas-sewqan tax-xhud (fol. 325) ma taqbel xejn ma' dik li hemm fit-tesment.

iv. Fit-testment jintqal li x-xhud Joseph Muscat għandu l-karta tal-identita` numru: 342473M. Il-persuna li għandha dak in-numru hu Silvan Pace li xehed fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2016 u kkonferma li ma jafx lin-Nutar Pierre Falzon, u qatt ma mar tas-Sliema u ffirma bħala xhud. Żied li l-fond 13, Triq il-Ħarifa, Qormi, ċioe` l-indirizz tas-suppost xhud Joseph Muscat li jissemma fit-testment, ma jafx bih.

v. Saviour Azzopardi, ix-xhud l-ieħor ukoll ma nstabx. Pero` xehed Francis Azzopardi, prodott mill-attriċi. Pero` dak ix-xhud m'għandu x'jaqsam xejn ma' Saviour Azzopardi li jissemma bhala wieħed mix-xhieda fuq it-testment. L-isem, il-karta tal-identita` u l-post ta' residenza huma kollha differenti. Mistoqsi jekk kienx preżenti għat-testment ta' Cetta Chircop wieġeb fin-negattiv.

vi. Sahansitra kemm Joseph Muscat u Francis Azzopardi ġew mistoqsija jekk jafux lil xulxin, u wieġbu fin-negattiv.

21. M'huwiex biżżejjed li l-attriċi u n-Nutar Falzon igħidu li kien hemm żewġ xhieda u li dan issemmew fit-testment. Xhieda li dwarhom ma ngħatatx prova waħda li jeżistu. Għalkemm in-Nutar Falzon xehed li Saviour Azzopardi u Joseph Muscat kienu x-xhieda, ma ġewx identifikati. Saħansitra fil-każ tas-suppost xhud Joseph Muscat, fl-indirizz dikjarat fit-testment, irriżulta li tgħix il-familja Bonnici u ma jafux min hu Joseph Muscat. Inoltre n-numru tal-karta tal-identita` hu ta' ħaddieħor.

22. In-Nutar Falzon wasal biex jixhed li kien identifika min huma ż-żewġ xhieda li kienu preżenti. Qal, *"I mean dawn għamilt xi xahar biex sibthom dawk in-nies"* (fol. 60), u dak li qal qalu b'konvinzjoni. Pero` jekk

verament kien irnexxielu jirrintraċċa lix-xhieda li jgħid li ffirmaw it-testment, kien igħaddi t-tagħrif lill-attriċi li tressaqhom bħala l-aqwa prova biex iġġib fix-xejn ir-rikovenzjoni. Pero` il-persuni li ressqet l-attriċi, m'humiex dawk li jissemmew fit-testment. Il-provi li tressqu jikkonfermaw li l-persuni li jissemmew bhala xhieda ma jeżistux, u għalhekk xhieda ma kienx hemm fuq dak it-testment. Dan apparti li l-verżjoni tan-nutar m'hijiex kredibbli meta tikkunsidra:

i. L-ewwel xehed li x-xhieda inzertaw qegħdin jaħdmu u tellagħhom miegħu u baqgħu jistennew barra l-appartament fejn kienet it-testatriċi. Pero` wara qal li kien hemm xi ħames ħaddiema u qalilhom li fi żmien siegħa kien ser ikollu bżonn tnejn minnhom bħala xhieda f'testment. Nuqqas ta' konsistenza;

ii. Xehed li ngħata l-karta tal-identita` biex *"nara l-isem, eċċ u imbagħad tawni l-indirizz"*. Jekk tawh il-karta tal-identita`, ma kienx jagħmel sens li jagħtu l-indirizz tar-residenza għaliex ikun stampat fuq l-istess dokument. Dan iktar u iktar meta hu stess xehed li kienet l-ewwel darba li ltaqa' magħhom;

iii. Li xehed: *"Le, le għidtilhom siegħa wara ħa nkellimkom jien għall-ewwel. Imma imbagħad kien hemm tnejn minnhom u qaluli li aħna nistgħu niġu issa"*. Verżjoni xejn kredibbli meta tikkunsidra li suppost dawn kienu żewġ ħaddiema qegħdin jagħmlu xogħol manwali, u li x-xhud iridna nemmnu li telqu kollox minn idejhom biex marru jistennew barra l-appartament għal siegħa sħiħa sakemm ikun komdu n-Nutar Falzon;

23. Kif rajna Kap. 55 jimponi fuq in-nutar l-obbligu li jidentifika x-xhieda u fl-att inizzel ċertu dettalji. F'dan il-każ mill-provi ma rriżultax li jeżistu ż-żewġ xhieda li jissemmew fit-testment tat-13 ta' Frar 2015. L-attriċi kellha kull opportunita` li tressaq provi li jidentifikaw ix-xhieda, dan iktar u iktar meta n-Nutar Falzon xehed li sab lix-xhieda li jissemmew fit-testment. Madankollu ż-żewġ xhieda li ressqet l-attriċi ma kinux il-persuni li jissemmew fit-testment, u t-tnejn li huma kkonfermaw li qatt ma kienu preżenti għat-testment tat-13 ta' Frar 2015. Saħansitra fil-każ ta' wieħed mix-xhieda (Joseph Muscat) irriżulta li tniżżel indirizz li fih tgħix il-familja Bonnici. Prova li tkompli ssaħħaħ il-fehma tal-Qorti li xhieda tat-testment ma kienx hemm.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti. Peress li tqis l-appell fieragħ tikkundanna lill-attriċi tħallas lill-konvenut l-ispejjeż għal darbtejn (artikolu 223(4) tal-Kap.12).

Tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr